Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 17,244, 31 ta' Mejju, 2002
Taqsima B

A.L. 124 ta' l-2002

ATT DWAR SERVIZZI TA' L-IVVJAĠĠAR U TAT-TURIŻMU GĦAL MALTA (KAP. 409)

Avviż dwar it-tħassir ta' diversi Regolamenti

BIS-SAHHA tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 46, 47 u 53(2) ta' l-Att dwar Servizzi ta' l-Ivvjaġġar u tat-Turiżmu għal Malta, il-Ministru għat-Turiżmu stabbilixxa l-31 ta' Mejju, 2002 bħala d-data meta dawn ir-regolamenti li ġejjin u li jidhru fir-Raba' Skeda li tinsab ma' l-istess Att għandhom jiġu mħassra:-

Avviż Legali 67 ta' l-1972 kif sussegwentement emendat bl-Avviż Legali 85 ta' l-1978 sakemm dawn jirreferu biss għal lukandi, hostels, kumplessi għal btala, villaġġi turistiċi, jew akkomodazzjoni u faċilitajiet oħra simili; 20 ta' l-1979; 16 ta' l-1980; 26 ta' l-1981; 19 ta' l-1986 sakemm dan jirreferi biss għal lukandi u hostels; 94 ta' l-1988; 13 u 57 ta' l-1989; 17, 21 u 117 ta' l-1990; 47 ta' l-1992; u 197 ta' l-1996. — Regolamenti ta' l-1972 dwar il-Lukandi u l-Istabbilimenti li Jipprovdu Ikel.

Avviż Legali 134 ta' l-1976 kif sussegwentement emendat bl-Avviżi Legali: 16 u 67 ta' l-1978; 13 u 57 ta' l-1980; 17 u 106 ta' l-1981; 16 ta' l-1984; 58 ta' l-1989; 14 ta' l-1990; 12 ta' l-1993; 66 ta' l-1994; u 24 ta' l-1995. — Regolamenti ta' l-1976 dwar il-Guest Houses u Postijiet Furnished għall-Btala.

Avviż Legali 135 ta' l-1976 kif sussegwentement emendat bl-Avviżi Legali: 17 u 68 ta' l-1978; u 22 ta' l-1979. — Regolamenti ta' l-1976 dwar id-Drittijiet għal Liċenzi, Ċertifikati u Appelli dwar Guest Houses u Postijiet Furnished għall-Btala.

Avviż Legali 41 ta' l-1980 kif sussegwentement emendat bl-Avviżi Legali: 60 ta' l-1982; u 11 ta' l-1993. — Regolamenti ta' l-1980 dwar l-Aġenziji ta' l-Ivvjaġġar u Servizzi tal-Lukandi.

Avviż Legali 127 ta' l-1989. — Regolamenti ta' l-1989 dwar is-Servizzi ta' Gwidi tat-Turisti.

Ir-Regolamenti ta' l-1972 dwar il-Lukandi u l-Istabbilimenti li Jipprovdu Ikel, ippubblikati bl-Avviż Legali 67 ta' l-1972 u kif sussegwentement emendat bl-Avviż Legali 85 ta' l-1978 sakemm dawn jirreferu biss għal stabbilimenti li jipprovdu ikel; Avviż Legali 19 ta' l-1986 sakemm dan jirreferi biss għal stabbilimenti li jipprovdu ikel; Avviż Legali 135 ta' l-1990; u Avviż Legali 100 ta' l-1991, għandhom jitqiesu li għadhom fis-seħħ.